**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

**Motiv invokat**

— Il-kliem li jifformaw it-trade mark ma humiex limitati għal tifsira ta' tifħir kif qed jipproponi l-Eżaminatur.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2016 – Korea National Insurance vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni**

**(Kawża T-264/16)**

(2016/C 287/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Korea National Insurance Corp. (Pyongyang, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea) (rappreżentanti: M. Lester u S. Midwinter, Barristers, T. Brentnall u A. Stevenson, Solicitors)

*Konvenuti:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/475, tal-31 ta' Marzu 2016, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/659, tas-27 ta' April 2016, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007, dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea sa fejn dawn il-miżuri kienu intiżi sabiex jinkludu lir-rikorrenti fl-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill KE 329/2007 u fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2013/183/PESK;

— torna lill-konvenuti jbatu l-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti naqsu milli jagħtu raġunijiet adegwati jew suffiċjenti għall-inklużjoni tar-rikorrenti.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti manifestament wettqu żball meta qiesu li ebda waħda mill-kriterji għall-elenkar fil-miżuri kkontestati ma kienet issodisfatta fil-każ tar-rikorrenti u li ma hemm l-ebda bażi fattwali għall-inklużjoni tagħha.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti kisru l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti kisru, mingħajr ġustifikazzjoni jew proporzjon, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inklużi d-dritt tagħha għal protezzjoni tal-proprjetà, tan-negozju u tar-reputazzjoni tagħha.

---